MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 363/2003

**Louay Ramadan**

**Vs**

**Western Co. Ltd., Kunsill Lokali ta' Bormla ghal kull interess li jista' jkollu u Carmelo Bianco ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Louay Ramadan fil-11 ta' Lulju 2003 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti: (i) tikkundanna lis-socjetà Western Co. Ltd. sabiex fi zmien qasir u perentorju lilha ffissat twettaq it-tibdiliet fil-vettura Honda Accord bin-Numru ta' Registrazzjoni AAR-275 billi jinbidel ix-*shock absorber* tax-xellug u xoghol iehor kif miftiehem; (ii) tikkundanna lis-socjetà Western Co. Ltd. tghaddi lill-attur li huwa sidha, din il-vettura b'dawn it-tibdiliet u fl-istess kundizzjoni li kienet meta abbuzivament haditha taht idejha permezz ta' Carmelo Bianco; (iii) fin-nuqqas li twettaq it-tibdiliet fiz-zmien moghti, tikkundanna

lis-socjetà Western Co. Ltd. tghaddi l-vettura, dejjem fil-kundizzjoni appena imsemmija, lill-attur li jkun awtorizzat jaghmel l-istess tibdiliet huwa nnfisu a spejjez ta' l-imsemmija socjetà; (iv) fin-nuqqas li trodd lura l-vettura kif imsemmi, tikkundanna lis-socjetà Western Co. Ltd. thallsu l-valur tal-vettura fl-ammont ta' seba' mitt Lira Maltija (Lm700), illum ekwivalenti ghal €1,630.56, rapprezentanti l-prezz tax-xiri, tiddikjara l-bejgh tal-vettura xolt u tikkundanna lill-imsemmija socjetà sabiex tiffirma l-karti tat-trasferiment relattiv; (v) tiddikjara lis-socjetà Western Co. Ltd. responsabbli ghal u tikkundannaha thallas l-ammonti relattivi tal-kontravvenzjonijiet tal-Gwardjani Lokali u tal-Pulizija mismugha mill-Kummissarju tal-Gustizzja li jaghmel mal-Kunsill Lokali ta' Bormla, billi dawn il-kontravvenzjonijiet twettqu meta l-vettura ma kienetx fil-pussess tieghu billi kien spussessat abbuzivament minnha minn Carmelo Bianco; (vi) tillikwida d-danni minnu sofferti minhabba n-nuqqas ta' uzu tal-vettura imsemmija wara li kien spussessat minnha kif appena premess; u (vii) tikkundanna lis-socjetà Western Co. Ltd. thallas id-danni hekk likwidati mill-Qorti;

Rat li l-attur iddikjara li l-valur tat-talbiet attrici ma jeccedix il-kompetenza ta' din il-Qorti;

Rat id-dokumenti annessi ma' l-Avviz markati Dok. "LR1" sa' Dok. "LR8" a fol. 2 sa' 9 tal-process;
Rat li b'Digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Frar 2003[1], li bih l-attur gie ammess ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali ghall-fini li jipprocedi bl-azzjoni odjerna;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Carmelo Bianco f'ismu proprio u ghan-nom ta' Gianluca Auto Dealer kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Western Company Limited permezz ta' liema jeccepixxi: (i) in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u Carmelo Bianco f'ismu proprju u ghan-nom ta' Gianluca Auto Dealer u dana peress illi l-ftehim sar mas-socjetà Western Company Limited u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur; (ii) li t-

[1] Fol. 17 tal-process.

talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-vettura Honda Accord bin-Numru ta’ Registrazzjoni AAR-275 inbieghet mis-socjetà Western Company Limited lill-attur *tale quale* u ghalhekk ix-*shock absorber* m’ghandux jigi mibdul mill-eccipjenti; (iii) il-vettura Honda Accord bin-Numru ta’ Registrazzjoni AAR-275 kienet giet ikkonsenjata lill-attur mal-firma ta’ l-iskrittura ta’ bejgh f’Marzu 1999 u din il-vettura qatt ma ttiehdet minn Carmelo Bianco, la f’ismu proprju u lanqas ghan-nom ta’ Western Company Limited, u ghalhekk mhux f’posizzjoni li jrodd lura l-vettura msemmija u lanqas ma ghandu jhallas lura l-prezz tax-xiri liema ammont fi kwalsiasi kaz ghadu ma thallasx mill-attur li waqa’ lura fil-pagamenti tieghu; (iv) il-proprjetarja tal-vettura hija s-socjetà Western Company Limited u dana peress illi l-attur waqa’ lura f’aktar minn tlett pagamenti mensili u bhala fatt il-vettura ghandha ttitiehed lura mill-imsemmija socjetà skond il-*hire purchase agreement* iffirmat bejnha u l-attur; (v) l-eccipjenti ma humiex responsabli ghall-hlas tal-kontravvenzjonijiet in konnessjoni mal-vettura mal-Kunsill Lokali ta’ Bormla kif ukoll mal-Pulizija stante li dawn il-kontravvenzjonijiet twettqu meta l-vettura ma kenitx fil-pussess ta' l-eccipjenti izda fil-pussess ta’ l-attur jew ta’ terzi minhabba l-abbandun tal-karozza mill-attur; (vi) l-eccipjenti ma kkawzaw l-ebda danni lill-attur stante li minn mindu gie ffirmat il-*hire purchase agreement* il-vettura qatt ma ttiehdet lura minnhom;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta’ Bormla permezz ta’ liema jeccepixxi li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li t-talbiet attrici kif kontenuti fl-Avviz, in kwantu diretti fil-konfront tieghu ma jregux u fi kwalunkwe kaz ma ntalbitx il-kundanna tal-Kunsill Lokali ta’ Bormla stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnu u l-attur;

Rat l-affidavit ta’ l-attur esebit a fol. 34 u 35 tal-process u rat id-dokument anness ma’ l-istess affidavit a fol. 36 tal-process;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut Carmelo Bianco moghtija waqt is-seduti tal-15 ta’ Mejju 2006[2], tat-28 ta’ Mejju 2009[3], tas-7 ta’ Dicembru 2009[4] u tat-18 ta’ Novembru 2010[5] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tat-18 ta’ Novembru 2010 markati Dok. “CB1” u Dok. “CB2” a fol. 132 sa’ 137 tal-process, ix-xhieda ta’ l-Ispettur Mario Bonello moghtija waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru 2006[6] u rat id-dokument minnu esebit u markat Dok. “MB” a fol. 62 tal-process, ix-xhieda ta’ l-Ispettur Stephen Micallef moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2009, ix-xhieda ta’ Stephen Cachia in rapprezentanza ta’ l-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta moghtija waqt is-seduti tas-7 ta’ Dicembru 2009[7] u tas-26 ta’ Jannar 2010[8] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduti markati Dok. “SC1” a fol. 80 sa’ 85 tal-process u Dok. “GV1” sa’ Dok. “GV4” a fol. 101 sa’ 105 tal-process, ix-xhieda ta’ l-attur moghtija waqt is-seduti tas-26 ta’ Jannar 2010[9] u ta’ l-4 ta’ Ottubru 2010[10] u rat id-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010 markati Dok. “LR1” sa’ Dok. “LR13” a fol. 106 sa’ 118 tal-process;

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011 l-istadju tal-provi gie Minnha dikjarat maghluq u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-15 ta’ Ottubru 2012;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni, istitwiti kontra s-socjetà Western Co. Ltd., il-Kunsill Lokali ta’ Bormla ghal kull interess li jista’ jkollu u Carmelo Bianco ukoll ghal kull interess li jista’ jkollu, l-attur jitlob li s-socjetà Western Co. Ltd. tigi kkundannata sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-Qorti, twettaq xi tibdiliet fil-vettura ta’ l-ghamla Honda

---

[2] Fol. 50 sa’ 52 tal-process.
[3] Fol. 76 u 77 tal-process.
[4] Fol. 91 sa’ 93 tal-process.
[5] Fol. 138 sa’ 141 tal-process.
[6] Fol. 60 tal-process.
[7] Fol.89 u 90 tal-process.
[8] Fol. 119 sa’ 121 tal-process.
[9] Fol. 122 sa’ 126 tal-process.
[10] Fol. 129 u 130 tal-process.

Accord bin-Numru ta’ Registrazzjoni AAR-275 minnu akkwistata minghandha u tirritornalu l-istess vettura li allegatament tinsab fil-pussess taghha billi ttiehdet minghandu b’mod abbusiv minn Carmelo Bianco, fl-istess kondizzjoni li kienet fiha meta ttiehdet mill-pussess tieghu, u fin-nuqqas li twettaq it-tibdiliet mitluba tirritornalu l-imsemmija vettura biex ikun jista’ jaghmel it-tibdiliet hu a spejjez taghha, jew alternattivament jekk tonqos milli tirritornalu l-imsemmija vettura thallsu s-somma ta’ Lm700, ekwivalenti ghal €1,630.56, wara li l-bejgh jigi dikjarat xolt u tiffirma l-karti tat-trasferiment relattiv, u li tigi dikjarata responsabbli ghall-hlas tal-kontravvenzjonijiet li hargu fuq l-imsemmija vettura mill-Gwardjani Lokali u mill-Pulizija, liema kontravvenzjonijiet instemghu mill-Kummissarju tal-Gustizzja li jaghmel mal-Kunsill Lokali ta’ Bormla, stante li l-istess kontravvenzjonijiet twettqu fi zminijiet meta l-vettura ma kenitx fil-pussess tieghu in kwantu gie abbuzivament spussesat minnha minn Carmelo Bianco, u li tigi kkundannata wkoll thallsu d-danni minnu sofferti, hekk kif likwidati mill-Qorti, minhabba n-nuqqas ta’ uzu ta’ l-imsemmija vettura billi din ittiehdet mill-pussess tieghu b’mod abbusiv minn Carmelo Bianco.

Il-konvenut Carmelo Bianco f’ismu proprio, f’isem Gianluca Autodealer u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Western Co. Ltd., jilqa’ ghat-talbiet attrici b’diversi eccezzjonijiet u cioè li hu f’ismu proprio u f’isem Gianluca Autodealer ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur billi l-vettura giet minnu akkwistata minghand is-socjetà Western Co. Ltd., u li fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-vettura in kwistjoni nbieghet *tale quale* u ghalhekk ix-*shock absorber* ma ghandux jigi mibdul mis-socjetà konvenuta jew minnu f’ismu proprio; li l-vettura ma hijiex fil-pussess tas-socjetà konvenuta Western Co. Ltd. u ma ttiehdetx minghand l-attur b’mod abbusiv da parte ta’ Carmelo Bianco u ghalhekk ma tistax tigi minnhom ritornata lill-attur u lanqas ma ghandhom jinstabu responsabbli ghall-kontravvenzjonijiet li twettqu b’dik il-vettura jew ghad-danni allegatament sofferti mill-attur; u li l-attur ma huwa

intitolat ghal ebda hlas stante li l-ammont dovut ghall-bejgh tal-vettura baqa’ ma thallasx kollu mill-attur u l-proprjetarja tal-vettura hija s-socjetà konvenuta Western Co. Ltd. stante li l-istess vettura giet akkwistata mill-attur in bazi ghal *hire purchase agreement* u fin-nuqqas ta’ hlas ta’ tlett pagamenti ghandha dritt tiehu l-vettura lura minghand l-attur.

Il-Kunsill Lokali ta’ Bormla jilqa’ ghat-talbiet ta’ l-attur bl-eccezzjoni li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnu u l-attur, u fi kwalunkwe kaz l-ebda wahda mit-talbiet attrici ma hija diretta fil-konfront tal-Kunsill.

Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mill-Kunsill Lokali ta' Bormla. In effetti wara li ezaminat l-atti processwali, u in partikolari l-Avvizipprezentat mill-attur, u ikkunsidrat il-provi prodotti quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni sollevata mill-Kunsill Lokali ta’ Bormla tisthoqq li tigi milqugha.

Ghalkemm l-Avviz gie pprezentat kontra s-socjetà Western Co. Ltd., il-Kunsill Lokali ta’ Bormla u Carmelo Bianco ghal kull interess li jista’ jkollu, huwa immedjatament evidenti mill-korp ta’ l-istess Avviz li **ebda wahda** mit-talbiet attrici ma hija diretta fil-konfront tal-Kunsill Lokali ta’ Bormla u mill-provi prodotti **ma tirrizulta ebda relazzjoni guridika** bejn l-attur u l-imsemmi Kunsill. L-unika konnessjoni li hemm bejn il-Kunsill Lokali ta’ Bormla u l-meritu ta’ l-azzjoni odjerna, jew ghall-inqas parti mill-meritu ta’ l-azzjoni, huma t-tahrikiet dwar avvizi ta’ kontravvenzjonijiet li twettqu bil-vettura ta’ l-ghamla Honda Accord bin-Numru ta’ Registrazzjoni AAR-275 f’Bormla li gew esebiti mill-attur flimkien ma’ l-Avviz markati Dok. “LR1” sa’ Dok. “LR8” a fol. 2 sa’ 9 tal-process, izda b’daqshekk ma jfissirx li l-imsemmi Kunsill gie validament u legittimament imharrek mill-attur f’dawn il-proceduri. Huwa ferm evidenti li l-kwistjoni jew ahjar kwistjonijiet meritu ta’ dawn il-proceduri jikkoncernaw lill-attur u lis-socjetà Western Co. Ltd. u possibilment lil

Carmelo Bianco kemm-il darba l-allegazzjonijiet ventilati mill-attur fil-konfront tieghu kellhom jirrizultaw li huma fondati, izda zgur li l-Kunsill Lokali ta' Bormla ma ghandu assolutament xejn x'jaqsam mal-vertenza in ezami.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti se tikkoncentra l-konsiderazzjonijiet taghha biss fuq it-talbiet attrici u fuq l-eccezzjonijiet sollevati minn Carmelo Bianco f'ismu proprio u f'isem Gianluca Autodealer u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Western Co. Ltd.

Jibda biex jigi osservat illi l-Qorti ma tistax tifhem ghaliex u ghalfejn Carmelo Bianco ressaq eccezzjonijiet f'isem Gianluca Autodealer. Huwa minnu li l-attur harrek lil Carmelo Bianco ghal kull interess li jista' jkollu izda huwa harrku f'ismu proprio u mhux ukoll ghan-nom ta' Gianluca Autodealer. L-unika referenza li hemm ghal "Gianluca Autodealer" huwa fl-indirizz moghti ghall-finijiet tan-notifika ta' l-Avviz lil Carmelo Bianco liema referenza bl-ebda mod ma twassal biex jitqies li Carmelo Bianco gie mharrek f'dawn il-proceduri f'ismu proprio kif ukoll f'isem Gianluca Autodealer.

Mill-atti processwali u partikolarment mill-Avvizipprezentat mill-attur, jirrizulta li l-kwistjoni centrali f'din il-vertenza hija l-allegazzjoni da parte ta' l-attur li l-vettura ta' l-ghamla Honda Accord bin-Numru ta' Registrazzjoni AAR-275 minnu akkwistata minghand is-socjetà Western Co. Ltd., tinsab fil-pussess ta' l-istess imsemmija socjetà wara li din abbuzivament haditha minghandu tramite Carmelo Bianco. Fil-fehma tal-Qorti huwa biss f'kaz li tali allegazzjoni tirrizulta debitament ippruvata li Hinimbaghad tkun tista' tghaddi biex tikkonsidra t-talbiet ta' l-attur kif minnu impostati fil-konfront tas-socjetà Western Co. Ltd.

Ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova li l-vettura ta' l-ghamla Honda Accord bin-Numru ta' Registrazzjoni AAR-275 tinsab fil-pussess tas-socjetà konvenuta ghaliex ittiehdet b'mod abuziv mill-pussess ta' l-attur minn Carmelo Bianco, u anke tad-diversi allegazzjonijiet ohra ventilati mill-attur, fosthom id-danni minnu allegatament

sofferti a causa ta’ l-agir tas-socjetà konvenuta u ta’ Carmelo Bianco, jinkombi esklussivament fuq l-attur. Del resto kif provdut fl-Artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta *l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah*. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur però ma irnexxilux jissodifa l-oneru tal-prova impost fuqu bil-Ligi u dana billi ma ressaqx provi li sodisfacentement juru, u dana lanqas fuq bazi ta’ probabilità, li l-allegazzjonijiet minnu ventilati fil-konfront tas-socjetà konvenuta u ta’ Carmelo Bianco huma fondati u effettivament minnhom.

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li *fil-25 ta’ Awwissu 2001, meta jiena ma kontx hallastu* [lil Carmelo Bianco jew ahjar lis-socjetà konvenuta] *ghax-xahar ta’ Gunju u Lulju 2001, ghidtlu li ma kontx ser inhallsu izjed qabel ma huwa jirranga d-difetti kollha li kellha l-karozza. Fl-istess gurnata kont ghaddej bil-karozza in kwistjoni minn Santa Venera ghal B’Kara, Carmelo Bianco rani, waqqafni, giebedni barra mill-karozza, hadli c-cwievet, cempel lil Charlie, imlaqqam il-Fire, il-mechanic tieghu, u wara li dan gie, saq il-karozza lura ghall-garage ta’ Carmelo Bianco. F’dak il-hin mort l-Ghassa tal-Pulizija, Birkirkara, hemmhekk spjegajtilhom dak li gara. Meta kont l-Ghassa tal-Pulizija, cemplu lil Carmelo Bianco u xi hadd mill-impjegati tieghu qallu li Carmelo Bianco qieghed Ghawdex, li ghalkemm il-karozza kienet tghajjat lili, it-transfer taghha kien ristrett*[11].

Dak allegat mill-attur gie michud minn Carmelo Bianco li waqt is-seduta tal-15 ta’ Mejju 2006[12] iddikjara: *qed jigi suggerit illi darba minnhom kien qieghed Santa Venera* [l-attur] *u hadnilu c-cavetta tal-karozza dakinar, nghid illi dan m’huwiex minnu* … *Qed jigi suggerit illi Charlie l-Fire ha l-karozza bil-forza minghand l-attur u gabha ghandi, nghid illi dan m’huwiex minnu. Ma nafx biha,* u waqt is-seduta tat-28 ta’ Mejju 2009[13] rega’ stqarr li: *il-karozza qatt ma giet fil-pussess taghna minn mindu bieghejniha lill-attur. … Mistoqsi jekk sa’ Jannar li ghadda l-vettura AAR 275 kienetx fil-pussess taghna nghid li le. Minn mindu bieghejniha qatt ma giet lura.*

[11] Fol. 34 u 35 tal-process.
[12] Fol. 50 sa’ 52 tal-process.
[13] Fol. 76 u 77 tal-process.

Fid-dawl ta’ din ic-cahda da parte ta’ Carmelo Bianco, l-attur kien jehtieglu jressaq prova li sodisfacentement tikkorobora dak minnu allegat fil-konfront ta’ l-istess Bianco u tas-socjetà konvenuta izda, tali prova ma saritx. Di fatti mill-provi prodotti mill-istess attur jirrizulta li minn meta akkwista l-vettura minghand is-socjetà konvenuta, l-istess vettura baqghet dejjem registrata f’ismu u ma jirrizultax li giet registrata mill-gdid f’isem is-socjetà konvenuta jew registrata f’isem terza persuna. L-Ispettur Mario Bonello li xehed waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru 2006[14], iddikjara li *skond ir-rekords taghna*[15] *l-vettura hija registrata fuq Ramadan Louay illi joqghod Triq Bard il-Hamrun u l-licenzja kienet skadiet fil-31 ta’ Jannar 2002. Peress illi l-Pulizija m’hijiex aktar responsabbli ghal vetturi, u huma llum l-ADT bhala l-Awtorità responsabbli, jiena m’hiniex f’posizzjoni illi naghti informazzjoni ulterjuri dwar din il-vettura.* Stephen Cachia, rapprezentant ta’ l-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta, illum Awtorità ghat-Trasport f’Malta, illi xehed waqt is-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2009[16], iddikjara li *jiena gejt mitlub naghmel tfittxija fuq il-vettura bir-registrazzjoni AAR 275 u rrizultali din hija vettura tal-marka Honda Accord bil-kulur ahmar u mill-4 ta’ Mejju 1999 tinsab registrata fuq l-isem Louay Ramadan bin-numru ta’ l-identità 438094(M)*[17]*. Skond ir-records taghna jirrizulta li l-ahhar licenzja valida skadiet fil-31 ta’ Jannar 2002 u fil-prezent hemm l-ammont ta’ €535.86 bhala multi fuq din il-vettura. … Jiena nikkonferma li bhala registered owner din il-vettura hija indikata fuq l-attur.* Meta rega’ xehed waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010[18], Stephen Cachia tenna li *mir-records taghna jirrizulta li l-vettura in kwistjoni daret ghal fuq l-attur fl-4 ta’ Mejju 1999*[19] *… Nghid li minn din l-istess dokumentazzjoni jirrizulta li minn dakinhar sa’ llum il-vettura ghadha registrata fuqu. Mill-file jirrizulta wkoll li din il-vettura kienet giet akkwistata bil-hire purchase u alura kien hemm Regulation 25 applikabbli. Meta sar it-*

[14] Fol. 60 tal-process.
[15] Dok. “MB” a fol. 62 tal-process.
[16] Fol. 89 u 90 tal-process.
[17] Dok. “SC1” a fol. 80 sa’ 85 tal-process.
[18] Fol. 119 sa’ 121 tal-process.
[19] Dok. “GV4” a fol. 104 sa’ 105 tal-process.

*trasferiment favur l-attur jirrizulta li d-dokumentazzjoni kienet kollha in order u fuq il-log book kien hemm anke zewg firem*.

Apparte minnhekk mid-dokumenti esebiti minn Stephen Cachia waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010 – u senjatament mid-dokument Dok. “GV3” a fol. 103 tal-process li hija ittra ta’ l-Avukat ta’ l-attur datata 29 ta’ Lulju 2002 u indirizzata lid-Direttur tat-Traffiku – jirrizulta li kuntrarjament ghal dak minnu issa allegat quddiem din il-Qorti, l-attur kien dak iz-zmien informa lid-Direttur tat-Traffiku li l-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess ta’ Carmelo Bianco ghaliex huwa kien bieghha lil dan Bianco – allegazzjoni din li dwarha wkoll ma tressqet ebda prova: *nispjega illi l-klijent tieghi f’Gunju 2001, biegh il-vettura in kwistjoni lil Auto Dealer certa C. Bianco ta’ St. Mary Street, B’Kara*[20]*. Madanakollu dan Bianco dejjem irrifjuta illi jsir it-transfer ta’ l-imsemmija vettura bir-rizultat illi sa’ illum il-gurnata l-klijent tieghi ghadu responsabbli ghall-multi kollha li qeghdin jigu fuq l-imsemmija vettura stante illi l-licenzja ta’ l-imsemmija vttura m’hux qieghdha tithallas minn dan Bianco.*

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti difficilment tista’ temmen li s-socjetà konvenuta, li topera n-negozju ta’ car dealer, fl-2001 hadet pussess, abbusivament jew b’kwalunkwe mod iehor, tal-vettura ta’ l-ghamla Honda Accord bin-Numru ta’ Registrazzjoni AAR-275 minghand l-attur u tul dan iz-zmien kollu halliet dik l-istess vettura registrata f’isem l-attur u ma regghetx innegozjatha.

Bhala fatt l-attur jikkontendi li dan huwa appuntu dak li ghamlet is-socjetà konvenuta w in sostenn ta’ dan jghid li sab in-*number plates* tal-vettura meritu tal-kontestazzjoni fil-proprjetà tal-konvenut Carmelo Bianco.

Waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010[21] l-attur xehed illi *l-plates tal-vettura meritu ta’ dawn il-proceduri gew fil-pussess tieghi fi Frar 2009 u se nispjega ezattament kif*

---

[20] Sottolinear tal-Qorti.
[21] Fol. 122 sa’ 126 tal-process.

*gew fil-pussess tieghi. Irrid nghid li l-garage ta' Carmelo Bianco jinsab fi Triq Santa Marija Birkirkara u ma gemb dan il-garage kien hemm ghalqa li fiha kien hemm diversi vetturi. Jiena qbizt go din l-ghalqa, rajt hafna vetturi kif ukoll numru ta' number plates u fost dawn in-number plates kien hemm il-plates tal-vettura meritu ta' dawn il-proceduri u jiena hadthom. Dak il-hin cempilt lill-avukat tieghi jew ahjar lill-PL Mifsud Bonnici biex jigi hu stess jara dak li kien hemm dak il-hin. Dak iz-zmien kien hemm ghalqa miftuha li kien hemm ukoll xatba ghaliha. Illum il-gurnata nghid li s-sitwazzjoni nbidlet u fil-fatt din il-gimgha stess jiena hadt ritratti ta' dik li kienet l-ghalqa u nghid li Carmelo Bianco minn dak iz-zmien lil hawn tella' hajt, nehha x-xatba u ghalaq kollox. Irrid nghid li x-xatba kienet maghluqa bil-katnazz, illum hemm bieb miftuh berah. … meta qbizt fl-ghalqa ta' Carmelo Bianco f'din l-ghalqa kien hemm van ahmar. Jiena ftaht il-bieb ta' dan il-van li fih kien hemm diversi plates u spare parts. Fost dawn il-plates jiena sibt il-plates tal-vettura meritu tal-kontestazzjoni. Jiena irrid nghid li domt infittex ghal dawn il-plates u kien biss wara certu hin li jiena ftaht il-bieb tal-van u sibt il-plates hemm gew. Jiena nghid li dan kien van transit ahmar u nghid ukoll li rah ukoll id-difensur tieghi. Ghalkemm f'dan il-van kien hemm hafna pjanci ohrajn, jiena nghid li ma tajtx kaz ezattament x'kienu dawn il-pjanci. L-unika haga hi li kif rajt il-pjanci tal-vettura tieghi jiena fraht, qbadthom u ergajt tlaqt il-barra. Irrid nghid li meta jiena kont inzilt fl-ghalqa ta' Carmelo Bianco kien bil-lejl u mieghi kelli torch. Nghid li jien ftaht il-van fejn sibt il-pjanci tal-vettura tieghi kien hemm pjanci ta' iktar karozzi ohra. … Jiena rrid nghid li l-vettura tieghi però f'din l-ghalqa ma rajthiex. …* u waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2010[22] l-attur kompla jghid *mistoqsi jekk jiena naqbilx li jiena kont mort hdejn l-ghalqa ta' Carmelo Bianco u qbizt fiha fil-presenza tal-PL Mario Mifsud Bonnici, nghid li le jiena m'ghamiltux fil-presenza tieghu Jiena kont hadt lill-PL Mario Mifsud Bonnici fuq il-post gurnata wara li jiena kont qbizt fl-ghalqa ta' Carmelo Bianco. Jiena rrid nghid li qbizt fl-ghalqa mhux fuq parir tal-PL Mifsud Bonnici izda*

[22] Fol. 129 u 130 tal-process.

*minn jeddi ghaliex rajt li fil-kors tal-kawza kollox kien qed idur kontrija u allura ma kellix alternattiva.*

Apparte l-fatt li l-Qorti fic-cirkostanzi ssibha ferm difficli temmen dak affermat mill-attur, u cioè li huwa sab il-pjanci tal-vettura tieghu fil-proprjetà ta' Carmelo Bianco, u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li pjanci li allegatament gew fil-pussess tieghu fl-2009 – senjatament fi Frar 2009 – ghal ebda raguni valida gew esebiti kwazi sena wara ghalkemm tul iz-zmien in kwistjoni inzammu diversi seduti fejn kellu kull opportunità jressaq tali prova, ma hijiex assolutament disposta taccetta bhala prova ammissibbli dak ottenut b'mod mhux biss kontra l-Ligi izda addirittura b'mod ghal kollox illegali.

Ladarba l-attur ma nrexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li l-vettura ta' l-ghamla Honda Accord bin-Numru ta' Registrazzjoni AAR-275 tinsab fil-pussess tas-socjetà konvenuta jew ta' Carmelo Bianco, it-talbiet minnu dedotti fil-konfront tas-socjetà konvenuta ma jistghux jigu ikkunsidrati u wisq inqas milqugha. In effetti fin-nuqqas ta' prova tal-premessa centrali fuq liema hija bbazata l-azzjoni attrici s-socjetà konvenuta ma tistax tigi kkundannata tirritorna l-vettura lill-attur bix-xoghlijiet minnu pretizi debitament esegwiti fuqha, taghmel tajjeb ghall-kontravvenzjonijiet li nhargu fuq il-vettura u taghmel tajjeb ukoll ghad-danni allegatament sofferti mill-attur – dwar liema danni fi kwalunkwe kaz ma tressqet ebda prova.

Fil-kaz in ezami necessarjament japplika l-principju bazilari tad-dritt diversi drabi enuncjat mill-Qrati nostrali bhal ad ezempju mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Hans Jochim Link et v. Raymond Mercieca, Appell Nru. 2101/98** deciza fit-12 ta' Jannar 2001, li *f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta. L-applikazzjoni tal-principju 'actore non probante reus absolvitur' kienet essenzjalment ezercizzju ta' analizi ta' provi fil-procedura civili. Dan il-principju mhux biss kien wiehed legalment san, imma kien ukoll regolatur fid-determinazzjoni tad-*

*drittijiet u obbligi fil-kamp civili*, u konsegwentement ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tillibera lill-Kunsill Lokali ta' Bormla mill-osservanza tal-gudizzju, tichad it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tas-socjetà konvenuta Western Co. Ltd. u ta' Carmelo Bianco ghal kull interess li jista' jkollu, stante li l-attur ma rnexxilux jipprova l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront taghhom.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------